# EKS ĦADDIEMA TAT-TARZNA JAQSMU GĦARFIEN

# PREZZJUŻ F'TAĦDITIET PUBBLIĊI

**Stqarrija | 17 ta' April 2024**

Bħala parti mill-akbar proġett ta' wirt intanġibbli li qatt wettqet s'issa, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku għal sensiela ta' taħditiet minn eks ħaddiema tat-Tarzna, li se jsiru bejn April u Ottubru ta' din is-sena.

Biex tkompli tibni fuq it-tnedija riċenti ta' 'The Dockyard from the Workers' Perspective - 100 Interviews', pubblikazzjoni li toffri ħarsa unika lejn l-industrija nazzjonali tat-Tarzna ta' Malta minn fomm l-imgħallma tas-snajja' tagħha stess, kif ukoll il-wirja 'An Island at the Crossroads' li għaddejja bħalissa fil-Mużew Marittimu ta' Malta fil-Birgu, l-aġenzija issa qed toffri lill-pubbliku ċ-ċans li jiltaqa' mal-protagonisti nfushom u jidħol aktar fil-fond.

Nhar il-Ħadd 28 ta' April, l-ewwel taħdita pubblika, bl-isem 'Minn Tifel tal-Iskola għal Raġel tas-Sengħa', se tesplora s-sistema tal-apprendistat implimentata fit-Tarzna ta' Malta matul is-snin. Wara l-bini tat-Tarzna mill-Ammiraljat Britanniku f'nofs is-seklu 19, inħoloq taħriġ strutturat biex ħaddiema tas-sengħa jiffurmaw is-sinsla ta' din l-industrija l-ġdida, li introduċiet l-aħħar tekniki ta' tiswija u manutenzjoni tal-bastimenti ta' dik l-era.

Din it-taħdita, li se ssir fil-Mużew Marittimu ta' Malta, se tibda fl-10:00 u tispiċċa għall-ħabta tal-11:30. L-attendenza hija b'xejn, iżda huwa meħtieġ li wieħed jirriserva postu fuq https://heritagemalta.mt/store/e1409/ jew mill-mużewijiet u s-siti ta' Heritage Malta, billi l-postijiet huma limitati. Is-sessjoni se ssir bil-Malti.

Aktar taħditiet se jittellgħu f'Mejju, Settembru, Ottubru u Novembru 2024. Għal aktar tagħrif u biex tibqa' aġġornat tista' żżur www.heritagemalta.mt/whats-on jew issegwi l-mezzi soċjali ta' Heritage Malta.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta